**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D.; M. Jur.**

**Il-Pulizija**

**Spettur Diane Vella**

**Vs**

**Clint Mercieca**

**Kawza Numru: 62/2024**

Illum 14 ta' Marzu 2025;

Il-Qorti,

Rat l-akkuza prezentata mill-Pulizija Ezekuttiva nhar is-16 ta' Jannar 2024 kontra:

**Clint Mercieca** ta' 34 sena, iben Silvana Mercieca, imwieled il-Pieta nhar it-13 ta' Gunju 1989 u residenti gewwa 30, White Dove, Triq id-Dliela, Zabbar u detentur tal-karta tal-Identita bin-numru 0286389M;

**Akkuzat** "*talli f'dawn il-gzejjer u cioe nhar l-20 t'Ottubru 2023 ghall-habta ta' 12.10hrs gewwa s-supermarket bl-isem LIDL li jinsab fi Triq id-Difiza Civili, Mosta:*

1. *Ikkommettejt serq semplici li jammonta ghal 225.51 euros u dan ghad-detriment ta' LIDL li jinsab Mosta. Art 284 ta' Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta"*[1].

Rat l-atti.

Semghet ix-xhieda.

Rat illi l-prosekuzzjoni iddikjarat illi se tistrieh fuq il-provi in atti[2].

Semghet is-sottomissjonijiet tad-Difiza[3].

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**gIl-Fatti fil-Qosor.**

L-imputat gie imwaqqaf minn kaxxiera tal-Lidl waqt li nstabu fuqu prodotti mill-hanut tal-Lidl li hija kellha dubju kienx hallas ghalihom, peress illi fuq il-counter huwa pogga zewg prodotti biss, liema prodotti allegatament l-imputat fi kliem PS 217 I. Mizzi fl-affidavit tieghu a folio 2 tal-process "pruva jisraq …" mill-istabbiliment tal-Lidl.

L-imputat gie akkuzat b'serq semplici taht l-Artkolu 284 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

[1] Folio 1 tal-process.
[2] Folio 16 tal-process.
[3] Folio 16 ta' process.

**Provi:**

Xehed **PS 217 I. Mizzi** permezz tal-affidavit[4] li spjega li „nhar l-20 t'Ottubru 2023 ghall-habta ta' 12.10 huwa gie infurmat li kien hemm persuna li **pruva jisraq**[5] xirja mil-istabiliment tal-Lidl.

Ir-rapport relattiv ghall-incident[6] jghid prattikament dak li xehed l-istess surgent.

Xehed **Jean Claude Fenech**[7] li spjega li dakinhar huwa kien xoghol l-Lidl, Mosta u sejjahlu l-ufficcjal tas-sigurta. Jghid li ma jiftakarx meta kien. Spjega li l-ufficcjal tas-sigurta qallu li kien hemm persuna li qabżet l-entratura tal-kaxxiera minghajr ma hallset, jiġifieri qabżet il-kaxxiera kollha u kienet ħierġa barra u kellha suspett li ma ħallasx. Jghid li huma waqqfuh, kellu basket f'idejh, ċċekkjawlu l-basket imbagħad għajtu lilu, jigifieri lix-xhud u hu mar jiċċekkja, iċċekjawlu l-basket u sabulu basket mimli kollu affarijiet. Qal li dahhluh ġewwa ġo l-ufficċju. Hu staqsieh jekk ghandux affarijiet ohra u hu qallu li m'għandux. Jispjega li ċċekjawlu l-bwiet, kellu l-bwiet mimlijin u kellu basket ieħor mimli kollu affarijiet. Jghid li dawn ma kienx qallu bihom. Imbagħad huwa ċempel lill-Pulizija u marru l-Pulizija fuq il-post. Jghid li għamlu l-kont, il-kont kien ta' xi madwar mitejn u tletin (€230), mitejn u ħamsin (€250) ewro affarijiet li seraq. Dan ix-xhud jitkellem dejjem fil-plural. Huwa gharaf lill-imputat fl-awla. Ix-xhud ikkonferma l-lista tal-affarijiet fid-dokument DV 1 bil-prezzijiet indikati. Jispjega li meta jaqbdu lil xi ħadd jisraq l-affarijiet noħorġu rċevuta oħra biex inkunu nafu kemm ikun seraq, ikollha d-dettalji kollha. Jispjega li dan mhux kont, u li l-persuna mwaqqfa ma tkunx

[4] Folio 2-3 tal-process.
[5] Enfasi tal-Qorti.
[6] A folio 4-6 tal-process.
[7] A folio 11 tal-process.

halsithom, fil-fatt fid-dokument ikun hemm miktub "*receipt copy not a sales receipt*".

**Ikkunsidrat:**

L-imputat gie akkuzat b'serq semplici taht l-Artikolu 284 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi:

"*FUQ IS-SERQ SEMPLIĊI*

*284.Is-serq mhux akkumpanjat minn waħda mill-kwalifiki msemmijin fl-artikolu 261 huwa serq sempliċi.*"

L-Artikolu 285 imbaghad jipprovdi ghall-piena relattiva u jipprovdi:

"*285. Il-ħati ta' serq sempliċi jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn xahar sa sitt xhur:*

*Iżda jekk **il-valur tal-ħaġa misruqa**[8] ma jkunx iżjed minn tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€23.29), l-akkużat jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux aktar minn tliet xhur.*"

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni jirrizulta car illi l-imputat fil-fatt ma rnexxielux jiehu l-prodotti illi huwa kien heba sabiex jisraqhom u johrog mill-istess stabbiliment bihom. Dan ifisser haga wahda biss u cioe illi l-imputat ma irnexxielux jikkonsma r-reat tas-serq ghax gie imwaqqaf minn cirkostanzi li ma kellu l-ebda kontroll fuqhom. Illi konsegwentament l-att kommess mill-imputat ma jinkwadrax ruhu fl-akkuza tas-serq semplice li giet addebitata lilu izda seta' jinkwadra ruhu f'reat iehor, li pero l-prosekuzzjoni naqset milli takkuzah bih.

[8] Enfasi tal-Qorti.

Fit-tieni lok, il-prova dwar l-ammont migjuba mill-prosekuzzjoni tirriferi ghall-prezz li bih jinbieghu l-imsemmi prodotti u mhux ghall-valur ta' l-istess oggetti kif tirrikjedi l-ligi.

Konsegwentament anke minn dan l-att, il-provi mressqa mill-prosekuzzjoni jfallu u ma jilhqux il-grad tal-prova rikjesta mil-ligi fil-kamp kriminali.

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti ssib lill-imputat **CLINT MERCIECA MHUX HATI** tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u tilliberah minn kull htija u piena fir-rigward ta' l-istess.

Il-Qorti spjegat din is-sentenza fi kliem car u semplici lill-imputat.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tinghata lill-partijiet u li kopja tal-imsemmija sentenza titpogga fuq is-sistema online tal-Qrati minnufih.

Moghtija llum 14 ta' Marzu 2025 fil-bini tal-Qorti, f'Malta.

Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.

Magistrat

Heidi Zammit

Deputat Registratur